Avviż Numru CCT 441/09

**Lawrence Micallef**

**vs**

**Adrian Muscat – Galletta Auto Dealer u Lifan - Motorcycle Art. Ltd.**

Illum 28 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-2 t'Ottubru, 2009 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, disa' mija u disgħa u sebgħin ewro u sitta u disgħin ċenteżmi (€1,979.96), rappreżentanti prezz ta' mutur li wara erbat ijiem beda jkollu l-problemi.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimati li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara mutur għal prezz ta' elf, disa' mija u disgħa u sebgħin ewro u sitta u disgħin ċenteżmi (€1,979.96), u wara xi żmien dan beda jkollu l-problemi.

Fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2011 ġie miftiehem illi r-rikorrenti kellu jmur jiġbor il-mutur u li jġibu jaħdem tajjeb. Pero' fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2012 irriżulta illi ma sar xejn u l-mutur kien għadu fl-istess kundizzjoni li hu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimati in solidum bejniethom iħallsu l-ammont ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), b'dan illi l-mutur jiġi propjeta' tal-intimati wara li jsir il-ħlas, bl-ispejjeż kontra l-istess intimati.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**